**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

Il-Pulizija
(Spettur Jurgen Vella)

Vs

Kirsten Mifsud

Illum 28 ta’ April 2015

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra

**Kirsten Mifsud ta’ Carmelo u Charmaine xebba Pace, imwieled il-Pieta nhar id-19 t’ Awwissu 1990, residenti gewwa 3, Barbara, flat 1, Sqaq l-Iskoccizi, Bormla u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 409990M**

Fejn gie akkuzat:

Nhar is-27 t’ April 2015 ghal habta tan-12:30pm gewwa l-inhawi tal-Fata fil-limiti ta’ Haz-Zabbar u f’ dawn il-gzejjer:

1) Ikkacca jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett skond ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta` l- Ghasafar Selvaggi, u cioe’ Spanjulett *Falco tinnunculus* (inkluz fi skeda IX), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta’ kull licenza li tinghata tahthom u

dan bi ksur ta regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat tal-ligi sussidjarja 504.71.

2) Ikkaccja jewipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fi Skeda II, u cioe' Spanjulett *Falco tinnunculus* (inkluz fi skeda IX), u dan bi ksur ta' regolament 5 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat tal-ligi sussidjarja 504.71.

3) Ikkaccja minn fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioe' Spanjulett *Falco tinnunculus* (inkluz fi skeda IX), bi ksur ta' regolament 5 (3) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat tal-ligi sussidjarja 504.71.

4) Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenza u f'kull ligi ohra, u cioe' kondizzjonijiet numru 1 u kondizzjoni numru 10 tal-Licenzja Specjali ghall-Kacca fir-rebbiegha 2015 mahruga taht ir-Regolamenti dwar Qafas biex Tigi Permessa Deroga li Tiftah l-Istagun ghall-Kacca tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegha (L.S. 504.94), u dan bi ksur ta' regolament 12 (1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat tal-ligi sussidjarja 504.71.

Il-Qorti giet mitluba li minnbarra il-piena skont il-ligi tordna il-konfiska tal-corpus delicti, inkluz Shotgun' tal-ghamla Verney Carron bin-numru tar-registrazzjoni 672267 li serva jew li kien mahsub li serva sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, kif ukoll il-konfiska tal-oggetti esebiti.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jurgen Vella, Joseph Aqulina, maghruf bhala "il-Boots", Shaun Spiteri u Christopher Bonello, maghruf bhala "il-kikku", il-PC 572 Antoine D'Amato u l-Enviornment Officer Gilbert Haber kif ukoll semghet il-kontro ezamijiet taghhom.

Rat illi l-akkuzat ghazel illi ma jixhidx u d-difiza dikjarat illi ma kellhiex provi xi' tressaq.

Semghet it-trattazzjoni fid-dettal ta' l-abbli prosekuzzjoni, parte civile u difiza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-kaz odjerna jirrigwarda incident illi sehh fl-inhawi tal-Fata, fil-limiti ta' Haz-Zabbar fis-27 ta' April 2015 ghal habta tan-12.30pm, fejn ghasfur, ossija Spanjulett *Falco tinnunculus*, li huwa ghasfur protett fi Skeda IX tal-Ligi Sussidjarja 504.71, intlaqat b'tiri ta' senter u spicca waqa' ferut gewwa skola, ossija l-Iskola ta' St. Edwards College, il-Birgu.

Jirrizulta illi, fil-mument illi sehhet l-isparatura, fl-inhawi tal-Fata kien hemm l-akkuzat, li nizel fil-post flimkien ma’ Joseph Aquilina, l-istess Joseph Aquilina, illi mar fil-post sabiex ikellem lill Christopher Bonello, l-istess Christopher Bonello u Shaun Spiteri.

Jirrizulta illi Shaun Spiteri kien ra lill-akkuzat u, di fatti kien sellimlu, u l-akkuzat kien madwar sittin pass ‘l quddiem minnu.

Jirrizulta illi, minn naha l-ohra, Joseph Aquilina jistqarr illi l-akkuzat kien nizel mieghu fiz-zona maghrufa tal-Fata, u hemmhekk, l-akkuzat gharraf lill-Aquilina illi huwa kien ser imur jdur dawra, fatt illi l-istess Aquilina ikkonferma illi fisser li kien sejjer idur dawra ghall-kacca, tant illi kien jixef is-senter u kien dawwar il-“cover” tas-senter ma’ ghaddu sabiex ikun jista jmur jikkaccja.

Jirrizulta illi mument minnhom, instemghu tiri ta’ senter u setghet giet innutata illi kien hemm ghasfur ossija Spanjulett illi kien qieghed jitla l-fuq wara li gew sparati tlett tiri u, sussegwentement, gie sparat tir iehor u l-ghasfur beda niezel l-isfel izda spicca fl-iskola illi kien biswit fejn kien qed jigu sparati t-tiri.

Jirrizulta illi, hekk kif semgha t-tiri, Aquilina mar biex jara x’kien attwalment gara u seta jinduna li tali tiri kienu qed jigu sparati mid-direzzjoni fejn kien hemm l-akkuzat u, ftit wara, ra lill-akkuzat jispara filwaqt illi imbghad rah gej jigri fid-direzzjoni lejh.

Jirrizulta illi Aquilina, x’kien ra lill-akkuzat gej jigri lejh staqtsieh “X’ghamilt”, u dana b’referenza ghall-fatt illi gew sparati tiri lejn l-iSpanjulet, u l-akkuzat irrispondieh billi qallu “ghamejt!”

Jirrizulta illi Shaun Spiteri, illi kien qieghed jikkaccja ftit aktar ‘l isfel minn fejn kien l-akkuzat, kien ra l-ghasfur itir hdejh u, mument minnhom l-ghasfur telaq lejn id-direzzjoni ta’ fejn kien l-akkuzat, jigifieri madwar 60 pass ‘l hinn, u inheba minnu. Ftit wara sema tlett tiri u ra l-ghasfur itir fl-arja u wara sema tir iehor.

Jirrizulta illi Shaun Spiteri ikkonferma illi huwa ra lill-akkuzat jippunta s-senter tieghu fid-direzzjoni tat-tajra illi kien hemm fl-ajru, fatt illi gie kkonfermat ukoll minn Joseph Aquilina, li kkonferma illi ra lill-akkuzat jgholli is-senter fid-direzzjoni ta’ l-ghasfur u sussegwentement ra l-ghasfur jaqa’ l-isfel wara sparatura ohra.

Ix-xhud Christopher Bonnett, mill-banda l-ohra, ikkonferma illi kien qieghed hemm fil-mument illi gew sparati t-tiri u stqarr illi, a differenza ta’ dak illi kienu qed jghidu x-xhieda l-ohra, gew sparati sebgha tiri, liema tiri, madanakollu, huwa kkonferma illi gew sparati fid-direzzjoni tat-tajra illi kien hemm, ossija l-Ispanjulett, u l-isparar kien gej minn fejn kien hemm Shaun Spiteri u l-akkuzat.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-akkuzat ghazel illi ma jixhidx, dritt illi huwa ghandu, izda li jwassal lill-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha abbazi tax-xhieda prodotta, kif ukoll dokumentazzjoni esebita mill-prosekuzzjoni, inkluz statement rilaxxjat mill-istess akkuzat lill-Pulizjija wara illi rrifjuta d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema statement, izda huwa ma ffirmax.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-bazi tad-difiza principali imressaq mill-abbli difensuri ta' l-akkuzat kien fuq il-fatt illi kien hemm kunflitt fix-xhieda ta, mill-banda wahda, Spiteri u Aquilina u, mill-banda l-ohra, Bonello.

Id-difiza sahqet ukoll illi Spiteri kien membru tal-FKNK u ghalhekk kellu interess illi jixhed kontra l-akkuzat peress illi ma kienx membru ta' l-ghaqda taghhom.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi kif ben irrilevat il-prosekuzzjoni u il-parte civile fit-trattazzjoni taghha, huwa sufficjenti illi jkun hemm prova li senter gie ppuntat u sparat lejn tajra protetta sabiex l-akkuzi ikunu ippruvat 'l hinn minn kull dubju.

Il-Qorti tosserva ukoll illi ghandha tassikura ruhha illi jkun hemm univocita' tac-cirkostanzi kif prosotti sabeix tasal ghall konvinciment morali dwar l-akkuzi kif prodotti.

Tenut kont ta' dawna l-konsiderazzjoni, il-Qorti hija konvinta, 'l hinn minn kull dubju, illi l-akkuzat spara fid-direzzjoni tat-tajra protetta ossija Spanjulett, u dana bil-hsieb illi joqtolha, w il-fatt jekk gewx sparati tlett tiri, erbgha tiri jew, sahansitra seba tiri, huwa fatt sekondarju.

Kemm Aquilina kif ukoll Spiteri t-tnejn jikkonfermaw illi raw lill-akkuzat bis-senter mirfugh sabiex jintuza. Bonello, li stqarr illi ma ra xejn, ikkonferma, madanakollu, illi huwa sema tiri ta' senter mid-direzzjoni ta' fejn kien l-akkuzat.

Ghalhekk, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi kif dedotti gew debitament ippruvat 'l hinn minn kull dubju.

**Ikkunsidrat**

Ghal dak illi jirrigwarda l-ghoti tal-piena, il-Qorti ma tistax ma taghmlix is-segwenti osservazzjonjiet:

It-tajra illi l-akkuzat spara lejha sabiex joqtolha kienet tajra protetta, ossija Spanjulett *Falco tinnunculus* u, kif stqarrew ix-xhieda prodotti quddiem dina l-Qorti, huwa ghasfur facilment distingwibbli minn gamiema jew summien illi ghaliha l-istagun tal-kacca kien miftuh. Ghalhekk, ma hemm ebda dubju illi l-akkuzat kien ben konxju ta' dak illi kien qed jispara lejha tant illi staqrr ma' Aquilina "ghamejt".

Bhala rizultat ta' l-azzjoni ta' l-akkuzat, l-istagjun tal-kacca intemm qabel iz-zmien previst, fatt illi wassal sabiex hafna kaccaturi illi josservaw ir-regolamenti tal-kacca ikunu ingustament iprivati minn-namur taghhom, u dana wara illi kien hemm kampanja ta' diversi xhur fejn il-kacca kienet suggett principali ta' dibattitu u kontroversja kbira f'Malta u Ghawdex u wasslet sabiex ikun hemm Referendum dwar jekk il-kacca fir-rebbiegha kellhiex tigi abolita jew le.

Fl-ahhar nett, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-azzjoni ta' l-akkuzat saret vicin hafna ta' skola tat-tfal u, bhala rizultat ta' l-isparar lejn it-tajra, dina spiccat waqghet fil-grounds ta' l-iskola waqt illi dawna kienu qed jilghabu hemm, bit-trawma kollha illi dina setghet ggib fuq l-istess tfal – fuq din in-nota, il-Qorti ma tistax ma tistaqsix kif jista l-legislatur jippermetti li jsir sparar daqstant vicin ghal tfal zghar meta jkunu fl-iskola, meta l-istess legsilatur jipprovdi ghall zoni cari fejn attivitajiet ohra illegali jigu puniti severament.

Il-Qorti ukoll ma tistax ma tosservax illi huwa dmir tal-Qrati illi jaghtu messagg car lill min jikser il-Ligi illi tali ksur ghandu jkun punit severament, sabiex jigi assikurat illi mhux biss il-Ligi tigi osservata, izda ukoll illi l-Ligi tigi rispettata minn kullhadd u moghtija dak ir-rispett li jisthoqqilha.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi qieset bir-reqqa il-fatti kollha tal-kaz u semghet ix-xhieda

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet.

Wara illi rat l-artikoli kollha tal-Ligi kif indikati fl-akkuzi kif ukoll l-Artikolu 27 tal-Avviz Legali 504.71 u partikolarment it-tielet proviso ta' l-istess Artikolu 27,

Qieghda ssib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u qieghda tikkundannah ghall piena karcerarja ta' sena (1) kif ukoll qieghda twahhallu multa ta' hamest elef Euro (5,000) filwaqt illi qieghda tirrevokalu b'mod permanenti kull licenzja jew permess mahruga lill-istess akkuzat ghall kacca filwaqt illi qieghda tordna l-konfiska tas-senter esebit mill-prosekuzzjoni.

**Magistrat Francesco Depasquale**